# 4. Il-Għadira ta’ Konstanz

Għadira ta’ Kostanz
fil-qalba ta’ Guthenburg,
jekk ir-regħba
u l-ambizzjoni
tal-kbarat ta’ dari
ġegħlet lil missirijietna
iċarċru
għadira demm tan-nies
darbtejn tul nofs seklu,
bil-ħlewwa t’ilmijietek
int nissejtna l-mibegħda,
u għammidtna
aħwa mill-ġdid
fil-għawm,
fil-mixi mat-triqat tax-xtajtiet tiegħek,
fil-benna
tal-ikel tiegħek,
fil-logħob
qalb l-egħlieqi tiegħek,
aħwa tal-wiżż bajdani,
aħwa tal-papri,
aħwa taż-żrinġijiet
li jwerżqu qalb il-ħass
fis-sakra ta’ namurhom,
aħwa tas-siġar tiegħek
bla għadd,
aħwa tal-għasafar
- il-ħalliela taċ-ċirasa tiegħek –
iżda fuq kollox
aħwa fiċ-ċiviltà,
aħwa fid-demokrazija,
aħwa fil-ħelsien,
aħwa fl-imħabba tal-paċi,
aħwa fix-xewqa tal-progress,
aħwa fl-Ewropa,
aħwa fl-umanità,
aħwa fid-dinja
li tiġri fl-ispazju
madwar ix-xemx.